MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 476/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Rowena GARCIA [ID. Nru. 235191M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf tmien mija u tnax-il euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1,812.23c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf, tmin mija u tnax-il ewro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€1812.23) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51042306 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-

annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-registru elettorali u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fil-25 ta’ Lulju, 2014 u li fis-seduta miżmuma llum quddiem it-Tribunal, l-intimata dehret u ammettiet li hija ghandha taghti l-ammont reklamat. L-intimata stqarret ukoll li hija ma tahdimx u li fil-prezent qeghda tistenna li tirċievi l-beneficcji soċjali. Qalet li hija lesta li thallas l-ammont dovut flimkien mal-imghaxijiet u spejjez permezz ta’ pagament mensili fl-ammont ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar.

Illi in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-intimata t-Tribunal ghadda biex iddeċieda l-kawza.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ elf tmien mija u tnax-il euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€1,812.23c] in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51042306.

Ikkunsidra;

2. L-intimata ammettiet li hija ghandha taghti l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti iżda hija ma kienitx f’qaghda finanzjarja sabiex thallas dan l-ammont f’daqqa. Qalet li hija lesta li thallas l-ammont dovut flimkien ma l-imghaxijiet u spejjez permezz ta’ pagament mensili fl-ammont ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-intimata maghmula quddiem it-Tribunal llum stess, t-Tribunal ma ghandux alternattiva ohra hlief li jiddikjara li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u jisthoqqilha li tiġi milqugha.

4. Illi ghar-rigward tat-talba tal-intimata li hija thallas l-ammont minnha dovut f’rati mensili ta’ hamsin euro (€50), t-Tribunal jirrileva li huwa ma ghandux l-awtorita jew is-sahha moghtija mill-ligi sabiex jordna lis-socjeta rikorrenti taderixxi ruhha ghal din it-talba taghha. Tali deċiżjoni hija mhollija ghal ġudizzju ta’ l-istess soċjetà rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf tmien mija u tnax-il euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€1,812.23c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-11 ta’ Marzu, 2011 data ta’ l-ittra uffiċjali (fol. 6) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-11 ta’ Marzu, 2011, huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------